## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 162/2022 LC

**GO P.L.C.**
(C-2234)

*vs*

**CHARLIE LABONG MOSQUEDA**
(K.I. 213261A)

**Illum, 07 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà GO p.l.c. datat l-01 ta' Awwissu 2022, fejn talbet lil dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€11,625.28) in konnessjoni ma servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40994363, bl-ispejjeż, kompriżi d-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni;

Rat illi l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża fit-03 ta' Settembru 2022 u li minkejja li ġie debitament notifikat, huwa naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu u naqas milli jidher għas-smiegħ tal-kawża sabiex jikkontesta l-pretensjonijiet miġjuba kontrih;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 il-Qorti awtorizzat lis-soċjetà rikorrenti, fuq talba tagħha stess, sabiex tippreżenta kapitolu għas-

subizzjoni tal-konvenut, liema kapitolu ġie ppreżentat seduta stante u ġie approvat mill-Qorti;

Rat illi fil-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-konvenut sabiex jipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma indikata u għar-ragunijiet kontenuti fl-avviż odjern;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-subizzjoni tal-konvenut għal-lum stess.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenut ma deherx għas-subizzjoni tiegħu sabiex iwieġeb għad-domanda tas-soċjetà rikorrenti.

Ikkonsidrat;

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikoli 698(2) u 702 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-konvenut jingħata s-subizzjoni u għaldaqstant talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tressaq il-kapitoli fil-konfront tiegħu.

Illi s-subizzjoni ta' parti hija proċedura li ġġib effetti serji ħafna fuq il-posizzjoni ta dik il-parti jekk tali tonqos li tidher. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Dr John Buttigieg LL.D, M.P. vs Michael Marletta**[1], "*il-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deċiżiva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittieħdu bħala konfessati u l-konvenut ikun impedut li jagħmel appell amenokke ma jiġġustifikax il-kontumaċja tiegħu.*"

Illi di piu, ġie ritenut fis-sentenza **Stephen Vella et v. Bollicine Limited**[2] rigward il-kaptoli li:

[1] **Dr John Buttigieg LL.D, M.P. vs Michael Marletta,** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 11 ta' Novembru 1986
[2] **Stephen Vella et v. Bollicine Limited**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 9 ta' Jannar 2008 (Appell Ċivili Nru 161/2005/1)

> "*jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "***Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani***", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret <u>prova posittiva</u> li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*
>
> *In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni ta' l-attur in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "James Trapani et -vs- Vincent Cilia" (28 ta' April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati pero` dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammississjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti. Dan ghaliex kif gja nghad is-subizzjoni setghet tintalab f' kull parti tal-procedura*";

Naturalment, l-apprezzament relattiv ta' dik il-prova b' dak il-kapitolu hu rimess ghall-poter diskrezzjonali tal-Qorti adita mill-mertu, u f' dan il-kaz, tajjeb jew hazin, l-ewwel Qorti dehrilha li setghet tigbed il-konkluzjoni illi l-fatt dedott mill-atturi kien ghaliha suffragat bil-prova kostitwita mill-kapitolu;"

Għalhekk, minkejja li s-soċjetà rikorrenti ressqet il-kapitoli kontra l-konvenut, dan ma jfissirx awtomatikament li t-talbiet rikorrenti ġew awtomatikament ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

Filfatt, ġie ritenut fis-senteza Tabib **Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**[3] illi "*Huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wieġeb għalihom u ma jkunx iġġustifika l-kontumaċja, għandhom jitqiesu bħala konfessjoni. Imma dana ma jfissirx li l-Qorti hija obligata toqgħod dejjem duq dik il-preżunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija sempliċi mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u valjata flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża' b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfaċenti mal-provi l-oħra tal-kawża, u l-Qorti jidrilha li għandha tagħti prevalenza lil dawk il-provi l-oħra, il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni għandha ċċedi quddiem dawk il-provi l-oħra*."

B'hekk, fil-perspettiva ta' dan il-prinċipju appena enunċjat, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-provi mressqa in sostenn tat-talba attriċi.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti, kif ikkonfermati bil-ġurament mir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Beverly Xerxen, manager fid-Dipartiment tal-Credit Control, fix-xhieda tagħha mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2022, jirriżulta illi l-konvenut daħal f'kuntratt mas-soċjetà rikorrenti għall-provvista ta' servizzi elettroniċi, inkluż servizzi ċellulari, fit-24 ta' Jannar 2021.[4] Filfatt, jirriżulta minn dawn id-dokumenti illi l-konvenut kellu l-kont numru 40994363 miżmum mas-soċjetà rikorrenti, liema kont kien tat-tip "Go Freedom Plans".

[3] **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 28 ta' Ġunju 1952.
[4] Ara fol. 4 et seq tal-atti proċesswali.

Illi mill-prospett datat il-11 ta' Lulju 2022[5] jirriżulta illi l-konvenut huwa moruż f'diversi pagamenti u għalkemm għamel numru ta' pagamenti akkont, għad fadal bilanċ ta' €11,625.28. Ir-rappreżentanta tas-soċjetà rikorrenti kkonfermat bil-ġurament tagħha illi dan l-ammont għadu dovut fl-intier tiegħu u li ma saru ebda pagamenti oħra għajr għal dawk indikati fl-imsemmi prospett.

Illi l-provi ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti ma ġewx kontradetti mill-konvenut u b'hekk, wara eżami tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta rikorrenti irnexxielha tipprova, sal-grad rikjest mil-liġi, il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-intimat rigwardanti s-somma minnha pretiża.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rikors promotur is-soċjetà rikorrenti tagħmel talba wkoll għall-imposizzjoni tal-imgħaxijiet legali. Illi f'dan ir-rgiward, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola, *inter alia*, illi jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġettil-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Illi di piu', l-Artikolu 1140 tal-istess Kap jistipola, *inter alia,* li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-ewwel att ġudizzjarju li ġie notifikat bih kien propju l-Avviż odjern. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud et noe**[6] "*In linea ma' gurisprudenza affermata dawn* [l-imgħaxxijiet] *ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,*" Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rikors

[5] Ara fol. 2 tal-atti proċesswali.

[6] **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud u Neville Mifsud noe**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 9 ta' Diċembru 2002, Ċitazz. Nru 105/1993/1

odjern ġie notifikat lill-intimat fid-03 ta' Settembru 2022.[7] Illi b'hekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn din id-data.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lil **Charlie Labong Mosqueda** iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€11,625.28) bl-imgħax legali mid-data tad-03 ta' Settembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-preżenti ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**

[7] Ara fol. 21, a tergo, tal-atti proċesswali.